**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 44

Data tal-laqgħa: Il-Ħamis 11 ta' Awwissu 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn, fil-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia– Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

44.1.1 Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm.

### 44.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 43

44.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tlieta u erbgħin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

44.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

44.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tat-tlieta u erbgħin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 44.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

44.3.1 Is-Sur Dalli qal kif qed jistenna meeting ma' CEO l-ġdid ta' Infrastructure Malta biex nikkonfermaw l-arranġament li għandna dwar l-infrastruttura tal-bankini minn viċin it-torri sat-tarf tat-triq, għax jekk jikkonferma nibdew bix-xogħol lejn nofs Settembru. Fl-istess meeting is-Sindku ser jitlob lil CEO l-għajnuna biex isiru tlett sqaqin, Triq il-Forn Sqaq Nru 1 u Nru 6 u Sqaq il-Kunċizzjoni għax il-qagħda tagħhom hija prekarja u għandna balla lmenti.

44.3.2 Is-Sindku tkellem dwar il-festa fejn qal kollox jidher li mar sew u kulħadd ikkopera. Huwa rringrazzja lill-Għaqdiet li jorganizzaw il-Festa, lill-Parroċċa, il-Pulizija, il-LESA, lil Cleansing Dept, l-ħwienet / l-każini u l-propjetarji tal-gabbani, l-istands tal-qubbajt u lir-Reġjun il-Lvant għal ko-operazzjoni li urew mal-Kunsill biex kollox mar kif kien maqbul u mifthiem. Grazzi lis-Segretarju Eżekuttiv, l-istaff kollu u dawk il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill għax-xogħol preparatorju li kultant iġib miegħu ħafna diffikultajiet.

44.3.3 Is-Sur Dalli qal li daqt iż-żmien ukoll lil jinbeda l-open air gym. Hemm ftehim li jekk ma jinqala xejn, ix-xogħol ser jibda lejn it-22 ta' Awwissu, 2022.

44.3.4 Is-Sindku tkellem dwar it-tibdil tal-equipment tal-playingfields. Huwa qal kif l-equipment tal-bandli u t-tapit ta' taħthom fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv u t-tapit tal-playing field ta' ħdejn il-Kappella tal-Madonna tal-Mirakli jonqos biss li kemm niffermaw il-kuntratt mal-kuntrattur u ukoll jkun jista jinbeda x-xogħol tat-tibdil u tweħħil.

44.3.5 Is-Sur Dalli tkellem dwar l-informazzjoni mgħottija ta' manutenzzjoni, fejn kien imwiegħed lil kunsill mill-MTA li tiġi rranġatha l-latrina pubblika tal-Pjazza. Jidher li din il-manutenzzjoni mhux se issir għal issa. Is-Segretarju Eżekuttiv se tirreferi l-quddiem waqt din is-seduta għal pjan alternattiv biex tiġi rranġatha din il-latrina.

44.3.6 Is-Sindku qal kif il-kunsill għandu fondi għal skop ta' sebbaħ pajjizek mill-PA u ser jtella paper fis-seduta tal-kunsill li jmiss biex isir użu minn dawn il-fondi u jintuzaw fuq upgrade għal Ġnien Rikreattiv , għaliex l-għajnuna mid-dipartimenti governattivi ma tidirx fil-qrib.

### 44.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

44.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

### 44.5 Korrispondenza

44.5.1 Il-Kunsillier Zahra staqsa dwar korrispondenza fuq fiex wasal il-kunsill fl-implimentazzjoni tal-open air gym u anke staqsa dwar it-tibdil tal-equipment u t-tapiti tal-playingfields. Kif kien diġa spjega fil-komunikazzjoni tiegħu, is-Sindku wieġbu li suppost ix-xogħol fuq l-open air gym ser jibda wara t-22 ta' Awwissu filwaqt li dwar it-tibdil tal-equipment

u t-tapiti tal-playingfields, il-kunsill qiegħed fl-istadju li dalwaqt jiffirma l-kuntratt mal-kuntrattur u jkun jista jibda x-xogħol ukoll.

44.5.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet dwar xiex titratta korrispondenza numru 137/2022 bl-isem 'Ilmenti dwar xogħol'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li dik kienet imejl mingħand resident li qed jilmenta ma' IM dwar ix-xogħol ta' wiċċ ġdid li kien ingħata fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sindku kkonferma dan.

44.5.3.1 Is-Sindku Anthony Dalli għamel stqarrija dwar korrispondenza nru 169/2022 li kienet titratta dwar ittra mingħand persuna li qed jitlob għajnuna finanzjarja bi stampar ta' ktieb li huwa kiteb. Is-Sindku qal kif f'dan ir-rigward is-Segretarju Eżekuttiv għamel xogħlu tajjeb. Meta xi ħadd, ikun min ikun, jibgħat lil kunsill biex jagħtih donation jew biex il-kunsill ikun sponser, is-Segretarju Eżekuttiv obbligat bil-liġi li jirrifjuta mingħajr ma jgħid lil ħadd, lanqas jekk is-Sindku japprova proposta simili, is-Segretarju Eżekuttiv xorta obligat li jgħidlu le.

44.5.3.2 Is-Sur Dalli kompla jgħid li huwa tajjeb li wieħed ikun jaf ukoll li meta ġie il-President tar-Repubblika fi Ħal Lija, il-kunsill lanqas lil President ma setgħa jagħti donazzjoni għal community chestfund. Il-Kunsill lokali ta' qabel fil-passat vera kien sponsorja ktieb, imma għax qisu għamlu tiegħu, li fl-aħħar mill-aħħar il-kunsill minnu spiċċa ma għamilx qliegħ minnu u issa l-kunsill spiċċa bi ħafna kotba u biex jeħles minnhom qed jagħtihom b'xejn.

44.5.3.3 Is-Sur Dalli kompla jgħid li meta l-kunsill ta għajnuna finanzjarja, huwa ta għajnuna lil għaqdiet u mhux persuna waħda, fejn ibbenifikat l-komunita kollha. Apparti minn hekk l-għajnuna finanzjarja dejjem ingħatat minn skemi li rnexxilu jakwista l-kunsill. Is-Sindku reġgħa emfasizza li donazzjoni ma tistax tingħata u s-Segretarju Eżekuttiv, għamlet xogħolha sewwa meta rrifjutat it-talba ta' dan il-persuna. L-ittri li saru biex jirrapurtaw l-azzjoni li ħadet is-Segretarju Eżekuttiv mhux ser jiġu ttollerati.

44.5.3.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet jekk minnflokk il-kunsill jistax jixtri xi kopji tal-kotba. Is-Sindku qal li iva, l-kunsill jista jiddeċiedi li jixtri sa erbgħa jew ħames kotba għall-librerija tal-kunsill, imma mhux aktar għax wieħed jrid jiftakar li mhux persuna waħda biss jaf ikun hemm li tistampa xi ktejjeb. Il-Kunsill qabel li jixtri sa massimu ta' ħames kotba minn kull persuna li qed tistampa l-ktejjeb tagħha, kemm il-darba l-persuna trid tbiegħ.

## 44.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan - Ġun 2022

44.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill lit-tieni rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Ġunju 2022. L-*accountant* is-Sur Kevin Incorvaja ma setax ikun preżenti biex jagħti spjegazzjoni ta' dan ir-rapport. L-ispjegazzjoni saret mis-Segretarju Eżekuttiv.

44.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-figuri tar-rapport kif ġej. Hija qalet kif skond ir-rapport ikkumpilat mill-accountaunt, tul dan il-perjodu, l-kunsill kellu dħul totali ta' €178,352, nefqa totali ta' €150,181 u dan irriżulta fi surplus ta' €28,171. Hija kompliet tispjega r-rapport billi tat *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu hija 143%.

44.6.3 Wara dan is-Sinjorina Borg għamlet rimarka dwar żewġ ċifri fuq paġna 8, li ser tgħaddihom għall-attenzjoni tal-accountant biex jiġu emendati għaliex mhux ireġu. Dawn huma:- ċ-ċifra li hemm mżnizzla fi account 1500 Social Security Contributions u ċ-ċifra l-oħra fi account 3060 Cleaning and Maintenance of Parks and Gardens.

44.6.4 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

44.6.5 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini.

## 44.7 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

44.7.1.1 <u>SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: World Cleanup the World Campaign 2022</u>.
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari mibgħutha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali - SPI/SCI/07/2022 – Espressjoni ta' Interess: World Cleanup the World Campaign 2022. Kopja ta' din iċ-ċirkulari intbgħatet lil kunsilliera b'imejl qabel il-laqgħa.

44.7.1.2 Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-għan ta' din iċ-ċirkulari huwa li l-kunsilli lokali jgħaqqdu l-komunitajiet sabiex jitwettaq tindif li permezz tiegħu l-lokalitajiet rispettivi jingħataw dehra aktar nadifa u sana. Minn din l-iskema kull kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' 2,000 EUR inkluż il-VAT u kemm il-darba hemm interess, il-kunsill għandu japplika sat-12 ta' Awwissu 2022. Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet tgħid li hija dwar dan diġa bgħatet imejl biex jekk xi ħadd mill-kunsilliera jixtieq jieħu r-responsabbilta joħloq xi attivita, huwa jrid jaħdem fuq l-applikazzjoni u jrid jieħu ħsieb l-attivita mill-bidu sal-aħħar. Risposti lura bl-imejl ma kien hemm mingħand ħadd mill-kunsilliera.

44.7.1.3 Ġie deċiż li l-kunsill mhux ser japplika għal din l-iskema għar-rasu, iżda jekk għadu fiċ-ċans ser jissieħeb mar-Reġjun Lvant. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tikteb lis-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun dwar dan.

44.7.2.1 <u>SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari mibgħutha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali - SPI/SCI/8/2022 – Espressjoni ta' interess – Finanzjament Milied 2022, li reġgħat ħarġet għal sena oħra. Kopja ta' din iċ-ċirkulari ntbgħatet lil kunsilliera b'imejl qabel il-laqgħa.

44.7.2.2 Is-Sinjorina Borg staqsiet lil kunsill jekk jixtieqx japplika u qalet li l-kunsill għandu ċans japplika sad-19 ta' Awwissu. Din l-iskema ser tiffinanzja 90% tal-ispiża għall-attivita sa massimu ta 47,000 EUR u l-kunsill irid joħroġ il-kontribut addizzjonali ta' 10%.

44.7.2.3 Fl-opinjoni tal-kunsill mhux fisibli li ssir applikazzjoni għal din l-iskema għaliex kunsill żgħir bħal Ħal Lija mhux ser jingħata fondi biex jagħmel attivita żgħira waħdu. Dan kif ġara s-sena li għaddiet, il-kunsill qadt jinvesta fi ħafna ħin mal-għaqdiet biex iġib ħafna kwotazzjonijiet biex issir bħal qisu christmas village bi train fi Triq Sant Andrija, umbgħad ma kkwalifikax għal fondi. Allura ġie deċiż li l-kunsill mhux ser japplika għal din l-iskema.

44.7.3.1 <u>SPI/SCI/9/2022 -Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ċirkulari mibgħutha mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali – SPI/SCI/9/2022 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom. Kopja ta' din iċ-ċirkulari ntbgħatet lil kunsilliera b'imejl qabel il-laqgħa.

44.7.3.2 Fil-qosor is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif l-għan ta' dan il-finanzjament huwa biex isiru proġetti varji sabiex il-kunsilli lokali jsebħu l-komunita rispettiva tagħhom u jkunu f'pożizzjoni li jistgħu jipprovdu kundizzjonijiet ugwali u aktar sostenibbli għar-residenti tagħhom. Minn din l-iskema kull kunsill Lokali jista jibbenifika sa massimu ta' 100,000 EUR inkluż il-VAT u ma' din is-somma l-kunsill obbligat joħroġ il-kontribut ta' 15%. Addizzjonali ma' dan il-finanzjament il-kunsill ukoll jista jibbenifika minn ammont sa massimu ta' 7,000 EUR, liema ammont jista jintefaq fuq servizzi għal assistenza fuq l-implimentazzjoni tal-proġett.

44.7.3.3 Kemm il-darba l-kunsill interessat, għandha ssir applikazzjoni sa l-14 ta' Ottubru.

44.7.3.4 Is-Sindku tal-opinjoni li l-kunsill juża dan il-finanzjament biex jiġu rranġati l-latrini tal-pjazza. Il-Kunsill kollu qabel u ġie deċiż li l-istimi li kien ġabar il-kunsill u tagħhom lil MTA għandhom issa jintużaw biex tidaħħal applikazzjoni għal manutenzzjoni tal-latrini fil-Pjazza, taħt din l-iskema. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ssuġġeriet ukoll biex la darba ser jiġu rranġati, u jekk hu possibbli, l-latrini jkunu jinkludu lift għal min huwa wheelchair bound.

44.7.4.1 <u>Talba ta' akkumular ta' vacation leave mingħand is-Segretarju Eżekuttiv</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba fuq il-mejda tal-kunsill, tal-akkumular tal-vacation leave tagħha mis-sena 2022 għa-sena 2023. Hija nfurmat lil kunsill li qed titlob biex itella 128-il siegħa, anke peress li s-sena d-dieħla jekk kollox jmur b'wiċċ il-ġdid, hija ser tiżewweġ.

44.7.4.2 Il-Kunsill unanimament approva t-talba tas-Segretarju Eżekuttiv.

44.7.5.1 <u>Approvazzjoni – kwotazzjoni u nstallazzjoni tal-Acs għall-ufficċju l-ġdid tal-kunsill</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill żewġ kwotazzjonijiet, dan biex kif ġie approvat fis-seduta li għaddiet, jinxtraw xi Acs ġodda għall ufficċju l-ġdid tal-kunsill u jinqalaw l-Acs li għadhom tajbin mill-ufficċju l-antik u jitweħlu fl-ufficċju l-ġdid.

44.7.5.2 Is-Sinjorina Borg qalet kif hija ser tmexxi bl-iktar kwotazzjoni ideali fil-jiem li ġejjien biex kemm jista jkun l-Acs jkunu nstallati f'posthom qabel ma l-kunsill jibda jopera mill-uffiċċju l-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv fil-qosor spjegat id-differenza bejn iż-żewġ kwotazzjonijiet.

44.7.5.3 Il-Kunsill kollu unanimament qabel mal-kwotazzjoni magħżulha u ser jiproċedi bil-kwotazzjoni mibgħuta minn Josef Penza.

44.7.6.1 <u>Installazzjoni ibins fi Triq Preziosi</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif dakinhar stess, 11 ta' Awwissu, kellhom jiġu mplementati set ta' iBins bl-għajnuna ta' Greenpak, kif diġa kien hemm qbil li għandhom isiru fi Triq Preziosi kantuniera ma' Mosta Road. L-implementazzjoni ta' dawn iBins kellha tiġi posposta minħabba l-maltemp u t-tijr huwa li ssa jiġu nstallati fi 12 ta' Awwissu. B'hekk ġewwa Ħal Lija, issa hawn set ta' iBins kif għandu jkun skond il-liġi u kif kien rikjest minn ERA.

44.7.6.2 Fuq l-istess suġġett is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet ikkuntatjatha minn Greenpak biex issa fejn ġew installati dawn l-iBins fi Triq Preziosi, hemm bżonn li titpoġġa surveillance camera li tkun imqabda mal-LESA biex jekk ikun hemm xi abbużi wieħed faċilment jinqabad u jiġi mħarrek. Jiġifieri il-Greenpak qed titlob li titweħħel camera u biex din titweħħel irid jkun hemm supply ta' dawl biex il-camera tiffunzjona. Greenpak qalet li kemm il-darba m'hemmx mezz minn fejn jingħata d-dawl, il-camera tista tkun waħda li topera b'mod solari.

44.7.6.3 Is-Sinjorina Borg kompliet tispjega kif Greenpak ser tkun qed tieħu ħsieb terfa l-ispiża tal-materjal biex issir din ic-CCTV u l-installazzjoni. Minn naħa l-oħra l-kunsill irid iħallas, il-pole li fuqu titweħħel il-camera, CCTV sign, u jrid ikopri ħlas żgħir fix-xahar tas-sim card tal-camera. Il-pole jrid jitweħħel faċċata biex ikun hemm moniteraġġ mill-aħjar kontra l-abbużi.

44.7.6.4 Is-Sindku u l-kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u qablu li l-kunsill jerfa l-ispiża tal-pole, CCTV sign u l-ħlas fix-xahar tas-sim card.

44.7.7.1 <u>Ittra bi talba ta' finanzjament dwar stampar ta' ktejjeb</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-kunsill ittra mingħand persuna li huwa dilettant tal-knejjes u ħareġ ktejjeb dwar il-knejjes li hawn fi Ħal Lija. Dan il-persuna fl-ittra qed jitlob lil kunsill biex jagħtih għajnuna finanzjarja bl-istampar tal-ktejjeb tiegħu.

44.7.7.2 Kif diġa ġie diskuss f'din is-seduta, donazzjoni ma tistax tingħata skond il-liġi imma kemm il-darba din il-persuna trid tbiegħ, il-Kunsill lest jixtri sa massimu ta' ħames kotba. Din il-persuna ser tkun infurmata b'din id-deċiżjoni.

44.7.8.1 <u>Imejl bi talba ta' finanzjament dwar stampar ta' ktieb</u>
Simili bħal l-item ta' qabel, is-Sinjorina Borg ressqet fuq il-mejda tal-kunsill imejl mingħand persuna oħra, li l-istess ħarġet ktieb fuq Ħal Lija u qed titlob għajnuna finanzjarja mingħand il-kunsill bl-istampar ta' dan il-ktieb.

44.7.8.2 L-istess bħat-talba l-oħra, kif diġa ġie diskuss f'din is-seduta, donazzjoni ma tistax tingħata skond il-liġi imma kemm il-darba din il-persuna trid tbiegħ, il-Kunsill lest jixtri sa massimu ta' ħames kotba. Din il-persuna ser tkun infurmata b'din id-deċiżjoni.

## 44.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

44.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 08/22 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €123.23 għax-xahar ta' Lulju.

44.8.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 44.9 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

44.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsilliera kif b'kollox sad-data tas-seduta, ma kienx hemm applikazzjonijiet alarmanti ġodda, dan skond l-informazzjoni li dejjem tagħmel u li tibgħat it-townplanner tal-kunsill. Dawn l-applikazzjonijiet dejjem anke tintbgħat kopja tagħhom għall-attenzjoni tal-kunsilliera kollha, biex kemm il-darba jagħti każ li jkunu jixtiequ joġġezzjonaw fuq xi applikazzjoni, jkunu jistgħu jitolbu biex isir dan.

## 44.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

44.10.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

44.10.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet dwar il-ħarġa ta' Sqallija li saret fid-9 ta' Awwissu. Hija kienet preżenti bħala rappreżentanta tal-kunsill f'din il-ġurnata u qalet li kollox mar tajjeb f'din il-ħarġa. Biss hija tenniet li kif kienu fi triqtom lejn Militello kien hemm maltempata u sajjetta laqtet it-trasport li kienu qed jitrasportaw bih. Ħadd ma weġġa pero kien hemm ftit dewmien peress li waqfu għal ftit minħabba l-maltemp u spiċċaw ma marrux Militello u marru dirett is-shopping centre.

44.10.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet kif fi Triq Sant Andrija sqaq nru 1, kien hemm xi bollards, xi ħadd neħħihom u issa qed jidħlu t-trakkijiet u xi trakk għamel ħsara fuq xi gallarija fl-akwata. Is-Sindku wieġeb lis-Sinjorina Farrugia fejn qal li hemmhekk le ma kienx hemm bollards, kien hemm tabelli tan- no entry tal-heavy vechicles li kellhom jitneħħew mill-kuntrattur meta ngħata wiċċ ġdid fit-triq. Huwa qal kif għandu jiltaqgħa mal-kuntrattur biex dawn it-tabelli jerġgħa jitpoġġew f'postom biex inċidenti simili ma jerġgħux jiġru. Ir-residenta li ġarbet ħsara fil-gallarija diġa kelmet lis-Sindku wkoll.

44.10.4 Il-laqgħa ntemmet fi 4:48pm.

44.10.5 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:15pm, mill-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Borg |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |